# Mix-xatba 'l isfel

*kitba ta' Alfie Guillaumier*

Ma jidhirlix li qatt rajtha. Imma smajthom isemmuha diversi drabi. Kienet bħal boundary wall bejn ta' Fuq u bejn ta' Isfel. Staqsejt għaliha lil nies anzjani ħafna fil-Ħamrun u kollha weġbuni li huma qatt ma rawha u lanqas kienu jafu fejn kienet. Imma kienu semgħu biha. B'danakollu se nikteb daqs li kieku rajtha bla ma nagħti deskrizzjoni tagħha. Ma nafx l-għaliex ittieħdet daqshekk bis-serjetà, meta xtabiet (xtabi) kien hemm oħrajn fil-Ħamrun. Kien hemm oħra n-naħa tas-Samra u b'danakollu ma ttieħditx daqshekk bis-serjetà. In-naħa tas-Samra kien hemm komunità wkoll kif kien hemm in-naħa t'isfel. Ħadd qatt ma taha xi importanza partikulari.

Din kienet ix-Xatba li kien hemm in-naħa tal-Istitut tax-Xjuħ, kif aħna fil-Ħamrun konna mdorrijin insejħu l-Istitut tas-Sorijiet iż-Żgħar tal-Fqar. Talanqas hekk spjegawli x'uħud, u dawn bla ma rawha. Kienet tifred Strada Rjali in-naħa minn ħdejn tax-Xjuħ 'il fuq u n-naħa t'isfel. Kont smajthom isemmuha u jagħtuha importanza meta ġiet inawgurata l-istatwa tal-Glorja ta' San Gejtanu fejn kien hemm it-teatru Hollywood. Kienu tkellmu żewġ persuni, il-President tal-Ħamrun Liberty, s-Sur George D'Amato, u l-E. T. il-President Emeritus il-Professur Guido de Marco. Dawn irreferew għalihom infushom bħala "Aħna tax-Xatba 'l Isfel."

Id-dnub hu li l-Ħamrun għandu triq twila wisq u ma jistax jagħti importanza lit-triq kollha indaqs. B'danakollu in-naħa tal-Blata l-Bajda kotrot b'nies li ħadu nteress partikolari fil-festa ta' San Gejtanu, avolja ċerti attivitajiet ma sarux dik in-naħa. Għalkemm imbegħdin xi ftit mill-Knisja Parrokkjali, din il-komunità għarfet twettaq indipendentement mill-bqija tal-komunità ta' fuq, ċerti attivitajiet kbar li n-naħa ta' fuq ma wettquhomx. Ngħidu aħna huma rnexxielhom jagħmlu l-akbar statwa li għandna fil-Ħamrun u din hi tal-Glorja ta' San Gejtanu. Għamlu pavaljuni kbar ħafna l-ġmiel tagħhom li ġibdu l-ammirazzjoni ta' kulħadd. U dan kollu bil-ħila u l-persistenza tagħhom. Huma wrew ċerta kapaċità li minn komunità żgħira, rnexxielhom jibnu entità u ġibdu l-ammirazzjoni tal-Ħamruniżi kollha.

Issa niġu biex insemmu fiex tikkonsisti materjalment din ix-xaqliba li hija antika mhux ħażin. Niftakar jien li minflok il-knisja u l-kumpless tal-MUZEW, kien hemm ċimiterju li kien imdawwar bil-balavostri. Fil-kantuniera kien idur nofs tond u jixxaqleb lejn triq tal-Marsa. Dik ix-xaqliba kienet tissejjaħ f'xi kuntratti bħala Xquq l-Oqbra u jingħad li dan iċ-ċimiterju kien wisq akbar milli kien dan l-aħħar. Fih kellu kolonna għolja tal-ġebel b'salib fuqha.

Niftakru dejjem b'xemgħa tixgħel quddiemu u mdawwar bis-siġar għoljin u fil-baxx kien kollu palm. Ftit 'il bogħod minnu kien u għadu hemm il-monument ta' Spencer. Min jaf kemm poġġejt fuq il-bankijiet tal-konkrit li kien hemm ħdejh. Ħdejn dan il-monument kien hemm ħawt tal-ilma għall-bhejjem. Ikun qed jiżbalja min jaħseb li meta saret il-fly over, dan il-monument tressaq 'il quddiem biex jiġi fin-nofs. Il-monument baqa' fejn kien, imma nqata' l-blat mis-sur li kellu warajh u b'hekk iċċekken is-sur, kibret l-art u twessgħet it-triq. U b'hekk il-monument sab ruħu fin-nofs. Fuq il-bankina fejn kien hemm dan il-Monument, kien hemm bħal kamra tal-injam biex joqgħod fiha l-pulizija li kien




jidderieġi t-traffiku. Kienet kamra jew kaxxa kif naraw fi bnadijiet oħra fid-dinja, biex fiha jistkennu s-suldati jew puluzija li jkunu waqt għassa.

Ix-xogħol fuq il-flyover kien qed isir f'Ġunju 1966. It-Triq Nazzjonali, jiġifieri quddiem ix-show room ta' Mizzi ma kenitx wiesa' daqshekk, u kif ingħid, il-monument ta' Spencer kien fuq il-bankina. Fejn hemm ta' Mizzi niftakar razzett li kien jaħdem fih l-irħam il-marmista ċelebri Feliċ Buhagiar li għad għandu bintu toqgħod quddiem ir-Radio City. Dan Feliċ ħadem għadd ġmielu ta' lapidi u ġieli nkun fi knejjes u nara lapidi l-ġmiel tagħhom u niftakar fih għax nara ismu fuqhom. Ġieli waqaft inħares lejh narah jaħdem. Dejjem bis-serqa. It-triq kienet ħafna idjaq u min jaf jien u ħbiebi kemm għaddejna minnha biex immorru bil-mixi sal-Belt. Naħseb li kienet nofs il-wisa' li fiha llum. Għalkemm lejn il-Bombi kien hemm biċċa raba', ftit lil hinn mir-razzett ta' Feliċ Buhagiar, lejn il-Ħamrun kien hemm xi bini pubbliku u li ġa kien jeżisti sa mill-1600. Dan il-bini li kien ġarrab xi ħsarat fl-aħħar gwerra, twaqqa' biex minfloku saret it-triq li tieħu lejn l-iskola St Joseph. Dik it-triq ma kenitx teżisti. Niftakar li fejn hemm l-istage kien hemm wieħed jikri r-roti u kienu jgħidulu Pawlu tar-Roti.

Fil-bidu ta' Triq Schembri kien hemm muntanja blat fiha m'ogħla raġel, u li meta bdiet tinbena l-iskola tal-bniet li hemm, tneħħiet, u b'hekk saret it-triq tallum. Fil-ġenb, fejn kien hemm dik in-nitfa ta' ħanut li kien jagħmel l-imqaret, kien hemm mogħdija dejqa imsejħa Sqaq ir-Rgħajja u niftakar wieħed ħiereġ minn hemm b'ċorma ngħaġ miegħu. Imma l-bini li naraw illum fix-xellug tat-triq, ġa kien jeżisti dak iż-żmien. Miegħu kien hemm it-Teatru Radio City li fih kienu jsiru kważi l-opri kollha li kienu jsiru mill-Maltin. Ir-Radio City kien u għadu bħal land mark tal-Blata l-Bajda, naturalment illum il-bieb prinċipali biss baqa' biex ifakkar fil-glorja ta' dak it-teatru li fih iddebuttaw l-aqwa artisti

Maltin, kif ukoll ħadmu fih anki Taljani. Bla dubju llum bidel il-bandiera, twaqqa' u minfloku sar iċ-Ċentru Nazzjonali Laburista biex ħalla l-bieb prinċipali biss. Fin-naħa taċ-Ċentru Nazzjonali Laburista niftakar li kien hemm il-Mile End. Dan kien stadium li fih kienu jsiru ħafna logħbiet tal-ballun. Niftakar li fih anki kienu jsiru meetings politiċi. Kien fil-ħofra u jiġi eżatt fejn illum hemm l-iskola tal-bniet. Lil hinn minnu ma kien hemm ebda bini, għajr raba' u ħitan tas-sejjieħ. Dak il-bini li hemm illum neħħi xi razzett 'l hawn u 'l hinn, saru kollha wara l-gwerra. Madwaru kien kollu mħarbat u munzelli ta' ġebel u trab. Ma kienx hemm xi stadium bħal dak li hemm illum – Tedesco Stadium. Imma billi fi Strada Rjali kien hemm il-bini, kif ġa għidt, ma kienx jidher. Biex tarah kont trid titla' t-telgħa li għadha teżisti sallum. Biss kien grawnd popolari. Dak iż-żmien in-nies ma tantx kellhom pretensjonijiet kif għandhom illum. Kienu jikkuntentaw irwieħhom b'kollox.
Imma ma' din il-glorja kollha li semmejna li llum tista' tgħid li biddlet ix-xena għal kollox kif inbidlu mkejjen oħra, u dan ħtija tal-progress li ma jista' jżommu ħadd, ġiet inkoronata bil-knisja tas-Soċjetà tal-Mużew li fiha naraw u nsibu lill-Qaddis tagħna, San Ġorġ Preca, li minn dak iċ-ċentru mexxa l-akbar organizzazzjoni fil-gżejjer tagħna u ħalla l-impronta tiegħu f'kull taqsima tas-soċjetà Maltija u anki tbiegħed 'il barra minn xtutna.

